MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 881/2006

Mark Spiteri (Id. 236265M).

Vs

Anthony Fenech.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab illi dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' disa mija u hamsa u sittin lira Maltin (Lm965) rapprezentanti self *'brevi manu'* u hlas ta' licenzji tal-magni tal-loghob. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja datata Awissu 2006.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn ecepixxa illi mhux minnu li huwa ghandu jaghti xi flus lill-attur ghaliex l-attur dejjem thallas.

Sema' x-xhieda ta' l-attur Mark Spiteri.

Sema' x-xhieda ta' Charles Visamic prodott mill-attur.

Sema' x-xhieda ta' Mandy Grima prodotta mill-attur.

Sema' x-xhieda tal-konvenut Anthony Fenech.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi permezz tal-kawza odjerna, l-attur qed jitlob il-hlas minghand il-konvenut, tas-somma ta' disa mija u hamsa u sittin lira Maltin (Lm965), liema somma flus huwa sellef lill-konvenut izda ma thallasx lura.

L-attur spjega li huwa ghandu kumpanija zghira illi tiggestixxi l-'*amusement machines'*, u li hu u l-konvenut kienu ilhom snin f'negozju flimkien fis-sens illi l-konvenut kien ihalli l-attur ipoggi xi *amusement machines* fil-kiosks tieghu, u kienu jaqsmu l-profitti tal-istess magni ugwalment bejniethom.  Fil-fatt l-attur kien zamm il-magni tieghu fil-kiosks tal-konvenut sa Marzu tas-sena 2006, meta mbaghad kien nehhihom minn hemm peress illi r-relazzjoni bejn il-partijiet ma kenitx baqghet wahda tajba.

Ma giex ikkontestat il-fatt li l-attur kien gieli jhallas, permezz ta' cekkijiet tieghu, l-kontijiet tal-licenzji tal-kiosks tal-konvenut, liema kontijiet kienu precizament jikkoncernaw licenzji li kienu johorgu mill-Malta Tourism Authority, kif ukoll licenzji li kienu johorgu mill-Lands Department.  Dan milli jidher kien isir ghaliex il-konvenut mhux dejjem kien ikun f'pozizzjoni finanzjarja li jhallas tali kontijiet, u ghalhekk il-partijiet kienu gieli ftehmu li dawn il-kontijiet jithallsu mill-attur, li mbaghad kien jithallas lura meta jinfethu l-magni tal-loghob, u minnflok li l-profitti jinqasmu ugwalment bejniethom, l-ewwel kien jithallas l-

attur dak li kien dovut lilu. Jidher li ghal perjodu ta' zmien dan il-ftehim bejn il-partijiet kien isehh minghajr problemi ta' xejn u li l-attur kien jithallas lura mill-profitti, izda fl-ahhar x'hin inqalghu il-problemi bejniethom, l-attur ma kienx thallas kif kien jithallas qabel.

Skond l-attur, fl-ahhar tas-sena 2005, b'kollox huwa kien hallas l-ammont ta' Lm1,422 ghan-nom tal-konvenut, izda kien thallas lura biss l-ammont ta' LM457, biex b'hekk kien fadallu jithallas l-ammont ta' Lm965, kif mitlub fl-Avviz odjern. Jidher illi r-relazzjonijiet bejn il-partijiet kien marru hazin meta l-konvenut xtaq isellef xi ammont ikbar minghand l-attur, izda dan ta' l-ahhar ma accettax u ghalhekk il-konvenut kien sab lil xi haddiehor biex jarma l-magni fil-kiosk tieghu, u ghalhekk l-attur nehha l-magni tieghu minn hemm. X'hin gara hekk, l-attur insista li jithallas il-kumplament tal-flus li huwa kien sellef lill-konvenut. Fost il-kontijiet li hallas l-attur, kien hemm ukoll il-licenzja tal-magni tal-loghob ghas-sena 2006, u alavolja l-partijiet kienu miftiehmin illi dan jithallas bin-nofs bejniethom, l-attur qed jitlob l-ammont kollu minnu mhallas peress li nehha l-magni tieghu fil-2006, u ghalhekk deherlu li l-ammont kollu mhallas ghall-licenzja tas-sena 2006 huwa dovut lura lilu.

Illi in sostenn tat-tezi tieghu, l-attur ipproduca bhala xhieda tieghu rapprezentant tal-Malta Tourism Authority, kif ukoll rapprezentant tal-Kummissarju ta' l-Artijiet, li t-tnejn li huma kkonfermaw bl-izjed mod car illi l-attur kien hallas permezz ta' cekkijiet tieghu, licenzji u kontijiet ohra dovuti lill-Malta Tourism Authority u lill-Lands Department, ghan-nom tal-Diana Kiosk, City Gate, Valletta, liema kiosk tappartjeni lill-konvenut. Dawn il-licenzji u kontijiet thallsu ghas-sena 2006, u l-ircevuti kollha hargu fuq isem il-konvenut bhala l-'*license holder',* alavolja l-hlas sar mill-attur. L-istess xhieda pprezentaw sensiela ta' dokumenti li juri dan kollu.

Illi l-attur esebixxa wkoll kopji tac-cekkijiet kollha in kwistjoni li huwa hallas ghan-nom tal-konvenut, liema cekkijiet b'kollox jammontaw ghall-ammont ta' LM1,422, kif l-attur spjega izjed 'l fuq.

Illi minn-naha tieghu, l-konvenut jaccetta li l-attur hallas il-kontijiet fuq imsemmija ghan-nom tieghu.  Skond hu pero, m’ghandu jaghti xejn lill-attur peress illi dak kollu li l-attur hallas ghan-nom tieghu, dejjem thallas lura lill-attur meta l-partijiet kienu jifthu l-kaxxi tal-magni tal-loghob sabiex jaqsmu l-profitti.  Il-konvenut xehed li kien jafda lill-attur b’ghajnejh maghluqa u sahansitra kien ihalli l-attur jiftah il-kaxxi meta ma kienx ikun prezenti, jew meta kienu prezenti l-lavranti tieghu biss, u kien ihallih jiehu dak li kellu jithallas.

Il-konvenut ma gab l-ebda prova dokumentarja sabiex juri li l-attur thallas dak li kien dovut lilu u lanqas ma pproduca xi xhud bhal xi lavrant tieghu sabiex jixhdu dwar kif thallas l-attur.  It-Tribunal josserva li alavoja l-konvenut jaqbel mal-fatt illi r-relazzjoni tal-partijiet bdiet sejra hazin ghall-ahhar tal-2005, bidu tal-2006, huwa xorta wahda baqa jafda l-attur biex jiftah il-kaxxi wahdu, u ma hasx il-bzonn li joqoghod attent jew li jiehu nota ta’ kemm kien qieghed jiehu flus l-attur, sabiex jaccerta ruhu li dak li kien dovut lill-attur jithallas.

Illi t-Tribunal jidhirlu li f’kaz bhal dan tidhol il-kwistjoni ta’ kredibilta o meno tal-partijiet, u li wiehed irid jezamina bir-reqqa liema versjoni hija dik l-izjed verosimili, u liema le. Fic-cirkostanzi u mill-provi kollha prodotti, it-Tribunal m’ghandu l-ebda dubbju li l-versjoni tal-attur hija wahda verosimili u l-izjed wahda kredibbli.  Gie ppruvat li l-attur kien hallas diversi kontijiet ghan-nom tal-konvenut lejn l-ahhar tas-sena 2005, izda ftit wara r-relazzjoni bejn il-partijiet bdiet tmur hazin, ghalhekk l-attur beda jezigi li jithallas lura l-ammont minnu misluf, izda ma thallasx l-ammont kollu, u ghalhekk kellu jipprocedi bil-kawza odjerna.  Il-versjoni tal-konvenut minn-naha l-ohra, apparti li hija fjakka u ghal kollox priva minn provi konkreti, lanqas ma hija wahda verosimili ghaliex dan it-Tribunal ma jistax ikun konvint li gjaladarba r-relazzjoni bejniethom kienet sejra hazin, il-konvenut baqa jafda u jhalli l-attur jiftah il-kaxxi u jiehu dak li kellu jiehu, minghajr ma qaghad attent biex jara li l-konteggi bejniethom isiru sew u jigu finalizzati.

Ghalhekk it-Tribunal jhoss illi filwaqt li l-attur irnexxilu jipprova dak allegat minnu, l-istess ma jistax jinghad dwar il-konvenut, li ta versjoni xejn konvincenti u xejn verosimili.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elfejn, mitejn u seba u erbghin Ewro u erba u tmenin centezmu (€2247.84), ekwivalenti ghal Lm965 kif mitluba fl-Avviz.  L-ispejjes kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica W. Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------